# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  2385/97 M1 NA**

**Lynda Mary Sheldon**

**vs**

**Joseph Borg**

**Il-Qorti,**

Ikkunsidrat :-

Illi din it-talba giet maghmula b'Nota tar-Registratur tal-Qrati tal-14 t'Ottubru 1997, liema nota hija maghmula a tenur tal-Kapitolu 242 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment.

L-Ordni li dwarha qed tintalab l-esekuzzjoni hija Ordni Provizzorju  tas-City Magistrates' Court ta' Manchester,

gewwa l-Inghilterra, maghmula taht il-provedimenti tac-Children's Act 1989 u tal-Maintenance Orders (Reciprocal Enforcement) Act 1972.

Permezz ta' din l-Ordni l-intimat Joseph Borg, gie kkundannat ihallas is-somma ta' mija u sittin lira Sterlina fil-gimgha, ghall-beneficcju ta' James Joseph Sheldon Borg, it-tifel minuri li huwa kellu mir-relazzjoni tieghu ma' Lynda Mary Sheldon, u dan mill-10 ta' Settembru 1993. Inoltre, gie ikkundannat ihallas *lump sum* ta' elf lira Sterlina lir-rikorrenti Lynda Mary Sheldon.

Illi l-kawza giet appuntata ghas-smigh ghall-11 ta' Marzu 1999 fid-9:00a.m. u dak in-nhar kien ghad jonqos in-notifika tal-intimat Joseph Borg. Il-Qorti ghalhekk ordnat kommunika lir-Registratur tal-Qrati u ddiferiet il-kawza ghall-14 ta' Mejju 1999. Fil-11 ta' Mejju 1999 l-istess Registratur ipprezenta, permezz ta' Nota, korrispondenza konnessa man-nuqqas ta' notifika tal-intimat. Mill-verbali tas-seduti tal-14 ta' Mejju 1999, tal-25 t'Ottubru 1999 u t-22 ta' Marzu 2000, jidher illi l-intimat baqa' mhux notifikat u gie notifikat fis-6 t'April 2000 billi thallietlu kopja tal-Atti f'idejn Patrick Borg.

Illi permezz ta' Nota tar-Registratur tal-Qrati, pprezentata fis-17 ta' Ottubru 2000, ir-Registratur rrefera ghan-notifika tal-intimat u spjega illi mill-atti jirrizulta illi l-intimat gie notifikat tramite Patrick Borg, mill-ufficjal tal-Qorti Victor Agius fis-6 t'April, 2000, fl-indirizz moghti.  Inotre, jispjega illi skond l-istess Victor Agius, Patrick Borg huwa t-tifel ta' l-intimat. Hawnhekk, il-Qorti tirrileva illi ghalkemm din in-nota harget ghan-notifika, ir-referta hija negattiva u l-intimat ma giex notifikat biha.

Illi ghalhekk, ghalkemm validament notifikat bl-Atti tal-Provisional Maintenance Order, l-intimat Joseph Borg baqa' kontumaci u ma pprezentax in-nota responsiva tieghu. Ghaldaqstant fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2001, l-kawza giet ddiferita ghas-sentenza ghall-5 ta' Ottubru 2001.

Fadal biss ghalhekk illi jsir ezami mill-Qorti tal-artikolu 8 tal-kapitolu hawn fuq citat, biex jigi deciz jekk l-Ordni Provizzorju moghti mill-Qorti barranija jigiex konfermat o meno.  L-Artikolu 8(2) jipprovdi illi –

"Meta kopja certifikata ta' ordni li ghalih japplika dan l-artikolu flimkien ma' –

(a) dokument, awtentikat kif imiss, li juri jew jaghti fil-qosor il-provi migjuba fil-procedimenti li fihom gie maghmul l-ordni; u

(b) dikjarazzjoni tar-ragunijiet li fuqhom id-debitur taht;-ordni seta' oppona ghall-eghmil ta' l-ordni,

tigi rcevuta mill-Ministru minghand l-awtorita' responsabbli f'pajjiz li jirreciproka, u jkun jidher lill-Ministru li d-debitur taht l-ordni jkun jirrisjedi f'Malta, hu ghandu jibghat il-kopja ta l-ordni u d-dokumenti li kien hemm maghha ghand ir-Registratur, u l-qorti kompetenti ta' Malta ghandha –

(i) jekk id-debitur taht l-ordni jistabbilixxi xi difiza hekk kif seta jaghmel fil-procedimenti li fihom ikun gie maghmul l-ordni, jirrifjuta li jikkonferma l-ordni; u

(ii) f'kull kaz iehor, jikkonferma l-ordni jew minghajr tibdil jew b'dak it-tibdil li jidrilha xieraq."

Illi kif diga gie rilevat minn dina l-Qorti, il-konvenut baqa' kontumaci u ma pproduca ebda prova jew difiza biex jikkontradixxi x-xhieda tar-rikorrenti. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, u bis-setghat moghtija mill-istess Att, il-Qorti sejra tvarja l-ordni tal-Qorti estera bis-segwenti tibdil-

1. tordna lill-intimat Joseph Borg ihallas pagament ta' mija u sittin lira sterlina fil-gimgha,  pagabbli mis-6 t'April 2000, f'liema data huwa kien gie notifikat bil-proceduri odjerni, u mhux mill-10 ta' Settembru 1993, peress illi din il-Qorti mhix konvinta illi huwa kien gie notifikat bil-proceduri inizjati quddiem il-Qrati esteri.
2. Tordna lill-istess intimat ihallas *lump sum* ta' elf lira Sterlina lil Lynda Mary Sheldon.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma kollha a karigu tal-istess intimat Joseph Borg.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.